**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 30 ta' Novembru, 2017**

**Talba Nru: 483/2017PM1**

**Zahra Enterprises Limited (C3149)**

**Vs**

**Jonathan Callus (ID 305783(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-17 t'Ottubru, 2017 illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' elf, hames mija u hamsa u ghoxrin euro u sebgha u ghoxrin centezmi (€1525.27) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' oggetti varji lilu mibjugha u kkonsenjati skont prospett anness mal-istess avviz; bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittra interpellatorja u bl-imghax legali minn Novembru, elfejn u sittax (2016) id-data tal-ahhar konsenja kontra l-istess konvenut.

Illi l-konvenut gie debitament ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tas-27 ta' Novembru, 2017 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Sema' x-xhieda moghtija mir-rapprezentant tas-socjeta` attrici waqt is-seduta tas-27 ta' Novembru, 2017.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tas-27 ta' Novembru, 2017 u fil-fatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi permezz tax-xhieda tieghu moghtija waqt is-seduta tas-27 ta' Novembru, 2017, ir-rapprezentant tas-socjeta` attrici ikkonferma l-kontenut tal-avviz odjern inkluz illi l-ammont mitlub jirrapprezenta bilanc ta' prezz fuq merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta` attrici lill-intimat li baqa' ma hallasx l-istess ammont. L-ammont mitlub jirrizulta wkoll mill-prospett anness mal-istess talba (fol. 3 ta-process).

Illi l-intimat ma ressaq ebda twegiba ghat-talba minkejja li jirrizulta li gie debitament notifikat.

Illi perdipiu` n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' elf, hames mija u hamsa u ghoxrin euro u sebgha u ghoxrin centezmi (€1525.27) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' oggetti varji lilu mibjugha u kkonsenjati; bl-ispejjez tal-prezenti u bl-imghax legali minn Novembru, elfejn u sittax (2016) kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**